MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2003

Numru. 272/2003

Il-Pulizija
(Spettur Abraham Zammit)
vs
Pauline Mintoff

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Pauline Mintoff, detentrici tal-karta tal-identita Nru 460558(M), li permezz taghha hija giet akkuzata talli fis-26 ta' Gunju 2001 ghall-habta ta' nofsinhar f'Rahal Gdid ikkommettiet serq ta' flus, liema somma ma tiskorriex l-elf lira Maltin (LM1,000) ghad-dannu ta' ditta CrossCraft Co. Ltd. ta' Rahal Gdid, dan is-serq hu aggravat, bil-valur u bil-persuna;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata twiegeb li ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2003;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata fuq imsemmija ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha il-Qorti issibha hatja ta' din l-imputazzjoni wara illi rat l-Artikoli 261 (c), 261(d), 267, 268, 279, 280, 31, 17, 21 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-imputata ikkoperat matul l-investigazzjoni mal-pulizija. Qabel ma saritilha t-tfittxija mal-ewwel raddet lura l-flus kollha li kienet serqet u cioe' is-somma ta' mija u sittin lira (LM160), liema somma ta' flus giet moghtija mill-Prosekuzzjoni lid-derubat is-Sur Farrugia, illi da parti tieghu xehed fil-Qorti illi kien jahfer lill-imputata ta' dak illi gara u li ma kellu l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront taghha;

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputata mal-ewwel stqarret li kien jisghobiha ferm ta' dak illi kienet ghamlet u stqarret illi kienet serqet il-flus peress illi id-dar kienu neqsin mill-flus.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta u ghaldaqstant tara illi ma jkunx ta' beneficcju la ghall-imputata u lanqas ghas-socjeta' in generali jekk l-imputata tinghata piena karcerarja u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju fic-cirkostanzi li l-imputata

tinghata opportunita ohra sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberaha tobbliga illi ma taghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spejgat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------